MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 352/2002

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**CARMEL TREVISAN ta' 62 sena, iben il-mejjet Emanuel u Michelina nee' Buttigieg, imwieled il-Hamrun nhar l-24 ta' Ottubru, 1947, residenti fil-fond numru 38, San Gaetan, Triq iz-Zonqor, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 945647M;**
**U WILLIAM TREVISAN ta' 64 sena, iben Emanuel u Michelina nee' Buttigieg, imwieled il-Hamrun nhar it-23 ta' Jannar, 1946, residenti Villa Trevisan, Triq Melchiorre de Robles, Kalkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 103 846M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **CARMEL TREVISAN** u **WILLIAM TREVISAN** li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Approprjaw ruhhom billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom, fil-kapacita’ taghhom bhala diretturi tas-socjeta’ Pelican Engineering Works (Trevisan) Limited, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ approprjaw ruhhom minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Pelican Engineering Works (Trevisan) Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn Lm10,000.00, liema flejjes jappartjenu lill-Gvern ta’ Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputati fi stadju ta’ interrogatorju ghazlu li ma jwigbux ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom – anzi ghazlu li jirriservaw il-posizzjoni taghhom dwar l-istess – ghalhekk il-Qorti mxiet maghhom daqs li kieku ma kinux hatja.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Rat ukoll li fl-ahhar seduta l-imputati debitament assistiti ghazlu li jirregistraw ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kotnra taghhom;

Semghet ukoll lis-Sur Paul Scicluna, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT, li xehed illi l-imputati Trevisan hallsu dak kollu minnhom dovut lid-Dipartiment imsemmi.

Illi ghalhekk, in vista' ta' l-ammissjoni, qieghda ssib lil Carmel u William Trevisan hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom, u dan wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena kkunsidrat il-pagament effettwat, ikkunsidrat l-ammissjoni u z-zmien li giet registrata, rat il-fedina penali ta' l-imputati, u qieghda, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------